kbir ta' familja li kellu, iżda wkoll għaliex għalkemm kien ilu f'Malta ħames snin, ma kienx jaf li l-Liġi ma tridx li jsir id-dwell.

Fid-19 ta' Settembru 1809 l-Qorti tat is-sentenza lil Green. Dan ġie mwaħħal, li ż-żmien li għamel il-ħabs, ikun flok il-piena li kien imissu jeħel. Green ġie meħlus mill-ħabs; iżda qabel telquh, ġie mhedded (ippreċettat), qud-diem żewġ xiehda, li kemm-il-darba jerġa' jkollu xi jgħid ma' Abeasis jew ma' niesu, sew bil-kliem kemm ukoll b'xi għamil, jiġi mitfugħ għal xahrejn il-ħabs, minn dak il-ħin stess li jiġi maqbud.

**Ġużè Gatt.**

# Il-Bniedem jiżra', Alla jsaqqi u jkabbar.

Tal-isbaħ ward, qassis żara' f'qasrija,
miż-żrieraħ li ġo qasam nissel kien,
żerriegħa, fost l-oħrajn ta' ġens mill-isbaħ ;
tal-ġraden żina, hena tal-wiedien !

Iżda għalkemm ż'ragħa b'gost u b'ħeġġa kbira,
billi xita m'għamlitx u ma saqqiha,
sogħ'b bih mhux ftit... għalla ma rax, ma nibtet...
u... daħal fih-in-nifsu dik-is-siegħa,

U... "x'jswa" qal "li l-Kelma nxandar t'Alla,
x'jiswa s-safa' tal-qalb u il-ħeġġa fija,
x'jiswieli l-għerf u x'jiswa qatt li l-kelma
taqa' f'art tajba, 'kk ma tiġi msoqqija,

Jekk Alla ma jsaqqix bil-Grazzja Tiegħu
il-kelma tiegħi li nkun żrajt fil-qalb !
—Tgħallimt Mulej u ndbaħt li maż-żerriegħa
irrid inżid ukoll, għall-grazzja, T-TALB."

**R. M. B.**

# *FOLKLORE* MALTI

(FRÂK BIEX MA JINTILEFX)

Fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Malti" dehru xi taqbiliet ħelwin fil-fehma tagħhom u ta' min igħożżhom, li A. C. għaraf iġib wisq tajjeb taħt l-isem ta' Folklore Malti.

Kollha laqtuni sħiħ, iżda l-aktar dik li, kif qalilna A. C., qalhielu Mosê, il-compożitur tal-Malti. Laqtitni għax kemm jien u kemm ħuti għadna ntennuha sal-lum qabel norqdu kif kienet tgħallimna ngħiduha ommi, mita konna għadna żgħar biż-żieda ta' żewġ versi oħra, u, wara, versi oħra kif jidher hawn taħt.

(1) Se' norqod u nistrieħ
għal Alla u għall-erwieħ;
Se' norqod u nirpoża,
f'ġieħ Alla u Santa Roża;
Se' norqod u nimtedd
f'ġieħ Alla u San Ġużepp,

(2) Sodda . . . salib
imħadda . . . kuruna
Min iħobb lill-Bambin ċkejken,
ikollu xorti fil-ventura.

Missieri jgħid li meta n-nanna kienet traqqadhom u tibda tgħidilhom biex igħidu magħha xi talbiet, waqt li kienet tkebbibhom tajjeb wieħed wieħed fil-friex, kienet iġġegħilhom igħidu hekk:

Se' norqod u nistrieħ
għal Alla u għall-erwieħ;
Se' norqod u nirpoża
ma nibża' mill-ebda ħaġa.
Kristu, San Pietru, San Pawl
jekk hawn xi għajn ħażina
taqbeż il-barra minn hawn.

Ommi, nżżi ħajr 'l Alla, għadha mimlija bil-għomor. Sa minn ċkunitha, tgħid li kienet tħobb it-taqbil u l-għana Malti. Xi drabi ddum nofs siegħa tqabbel bla taf sewwa minn fejn tgħallmet xi taqbiliet sbieħ,għalkemm tgħid li 'l ommha dejjem